MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 354/2014

**A B**

**vs**

**C B D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu,**

Rat ir-rikors tal-attur tat-22 ta' Awissu 2014 li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

1. "Illi l-partijiet izzewgu fit-tlieta u ghoxrin ta' Awissu tas-sena elfejn u tmienja (23/08/2008), fil-knisja tal-Mellieha, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx ulied;

2. Illi l-partijiet ilhom mifrudin u jghixu separatament mill-bidu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u ghalhekk ilhom aktar minn erbgha snin separati de facto;

3. Illi l-partijiet rn'ghandhomx tfal minn xulxin u b'hekk rn'hemm ebda manteniment li jithallas ghat-tfal aparti l-fatt li l-intimata ghandha t-tfal minghand rgiel ohra;

4. Illi l-intimata tahdem u ghalhekk m'hemmx kwistjoni ta' manteniment u kemm ilhom mifrudin qatt ma thallas manteniment bejn il-partijiet mill-ebda parti lill-ohra;

5. Illi l-esponenti jiddikjara ukoll li m'hemm ebda assi fil-komunita tal-akkwisti li ghandhom bzonn jinqasam u li l-intimata ilha mill-2010 li telqet mid-dar matrimonjali;

6. Illi m'hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi barra li ilhom aktar minn erba' snin jghixu separatament minn xulxin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabiliti mil-ligi biex jinghataw d-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponent f'dawn ic-cirkostanzi jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien indikat minn din l-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiiet, u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-konvenuta ipprezentata fis-6 ta' Ottubru 2014 li permezz taghha issottomettiet:

1. "Illi hi u r-rikorrenti ilhom separati de facto ghal aktar minn erba' snin stante li huma ilhom mifrudin u jghixu separatament sa mis-sena elfejn u disgha (2009);

2. Illi l-partijiet m'ghandhomx tfal minn xulxin u ghalhekk m'hemm ebda manteniment dovut versu l-ulied;

3. Illi ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-kontendenti;

4. Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejnha u bejn zewgha stante li t-tnejn li huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi l-esponenti trid li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe D.

Ghalhekk l-esponenti ma topponix it-talba tar-rikorrenti."

Semghat ix-xhieda tal-attur fl-udjenza tal-5 ta' Novembru 2014.

Rat l-affidavit tal-konvenuta pprezentat fil-5 ta' Novembru 2014.

Ikkonsidrat;

M'hemmx kuntrast bejn il-partijiet illi (1) ilhom separati *de facto* ghal aktar minn erba' snin; (2) ulied m'ghandhomx; (3) it-tnejn illum ghandhom ulied minn haddiehor; (4) assi tal-komunjoni tal-akkwisti ma hemm xejn; (5) hadd minnhom ma qed jippretendi manteniment minghand il-parti l-ohra u (6) m'hemmx l-ebda possibilita' li l-partijiet jirrikonciljaw.

Isegwi ghalhekk illi dak rikjest mill-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet; u

2) Tordna li l-konvenuta tirriverti ghal kunjom xbubitha "D".

3) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll biex jirregistra l-ordni li l-intimata qed tirriverti ghal kunjom xbubitha.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------